MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 596/2014

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Leanne Grace GAUCI [ID. Nru. 251694M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-20 ta' Awwissu, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' hames mija tnejn u tletin euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€532.23c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' hames mija tnejn u tletin Ewro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€532.23) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Duo Pack (AC40220619).

> Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 547/14, u bl-imghaxijiet legali sa mis-27 ta' Marzu 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li l-intimata dehret ghas-seduta tal-lum u ammettiet bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu.

L-intimata nfurmat lit-Tribunal li hija ma tistax thallas aktar minn hamsin euro (€50) fix-xahar.

Is-socjeta rikorrenti rrimmettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal u talbet li ghandu jkun hemm ordni fis-sentenza li jekk l-intimata tonqos milli thallas pagament wiehed l-ammont kollu jiġi dovut minnufih. Ghandu jkun hemm ukoll l-imghaxijiet skont il-ligi fuq dan l-ammont sad-data tal-hlas effettiv.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta’ hames mija tnejn u tletin euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€532.23c] ammont dovut lill-istess soċjetà rikorrenti in konnessjoni ma’ Bundle Service Agreement Duo Pack (AC40220619).

Ikkunsidra;

2. L-intimata ammettiet llum stess waqt is-seduta li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu. L-intimata nfurmat lit-Tribunal li hija ma kienitx f’posizzjoni li thallas l-ammont minnha dovut f’daqqa u li setghet taghmel biss hlasijiet mensili fl-ammont ta’ hamsin euro (€50).

3. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti rrimmettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal u talbet li ghandu jkun hemm ordni fis-sentenza li jekk l-intimata tonqos milli thallas pagament wiehed l-ammont kollu jiġi dovut minnufih. Ghandu jkun hemm ukoll l-imghaxijiet skont il-ligi fuq dan l-ammont sad-data tal-hlas effettiv.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista tal-ammissjoni ta’ l-intimata, t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ hames mija tnejn u tletin euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€532.23c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-27 ta’ Marzu, 2014 data ta’ l-ittra uffiċjali (fol. 6) sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimata u ghal fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mill-intimata fl-ammont ta' hamsin euro (€50) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fit-12 ta' Dicembru, 2014. F'kaz li l-intimata tonqos milli thallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih.

L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fis-27 ta' Marzu, 2014, huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------